MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 1217/1998/1

**Perit Vincent CASSAR bħala Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet u l-Perit Lino Żammit bħala d-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq**

**vs**

**Nicholas *sive* Lino DEBONO u Maria Dolores *sive* Doris Debono**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-8 ta' Ġunju, 1998, li bih l-atturi *nomine* ippremettew:
Illi l-atturi noe daħlu fuq art proprjeta' tal-konvenuti f'Wied il-Għajn immarkata fuq il-pjanta annessa Dok. RB1 bħala XYZ biex jgħaddu triq;

Illi b'sentenza tagħha fl-ismijiet "Nicholas sive Lino Debono et vs Perit Vince Cassar noe et noe" (Cit. Nru. 545/94NA) datata 12 ta' Diċembru, 1997 hawn annessa u

mmarkata Dok. A din l-Onorabbli Qorti illikwidat l-ammont ta’ Lm18,000 bħala l-valur ta’ l-art fuq imsemmija favur il-konvenuti liema ammontv kellu jitħallas mill-atturi noe lill-konvenuti bħala valur ta’ l-imsemmija art li kienet ġiet konvertita f’parti minn triq;

Illil konvenuti noe bnew mal-linja tat-triq u għalhekk il-proprjeta’ tagħhom ġiet tħares fuq l-art fuq imsemmija;

Illi skond il-Kap. 10 meta l-art użata bħala triq tkun tal-Gvern, is-sidien tad-djar li jagħtu għal fuq it-triq iridu jħallsu għall-favur ta’ l-art użata għall-formazzjoni tat-triq - Art. 20(6) (1) ( a)- u meta l-art ma tkunx tal-Gvern imma tas-sidien tad-djar li jagħtu fuq it-triq, is-sidien iridu jagħtu dik il-parti tal-proprjeta’ tagħhom lil Gvern biex tgħaddi t-triq a spejjeż tagħhom -Art. 20(10)(vi)-;

Illi għalhekk meta bnew l-art li baqgħet f’idiejhom il-konvenuti assumew obbligu li jew jittrasferixxu l-art li hi użata bħala triq lill-Gvern mingħajr dritt ta’ kumpens skond l-Art. 20 (10)(VI) tal-Kap.10 jew li jħallsu lill-Gvern il-valur ta’ dik l-art skond l-Art 20 (6)(1)(a);

Illi meta l-atturi nomine jħallsu l-ammont likwidat bis-sentenza fuq imsemmija, l-konvenuti allura jkunu jridu jħallsu l-istess valur ta’ Lm18,000 lill-atturi u dan skond l-Art. 20(6)(1)(a) tal-Kap. 10;

Illi jekk il-konvenuti nomine ma jħallsux dan il-valur hekk likwidat lill-atturi huma jkunu arrikew ruħhom indebitament billi jkunu kompletament evitaw il-provvedimenti tal-Kap. 10;

Illi għahekk huwa każ ta’ tpaċija billi l-istess ammonti huma dovuti reċiprokament, jew alternattivament il-konvenuti għandhom jirrinunzjaw għall-kmpens għat-teħid ta’ l-art kif likwidat bis-sentenza fuq imsemmija;

Għaldaqstant l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenuti jew għandhom jagħtu lill-atturi noe is-somma ta' Lm18,000 rappreżentanti valur ta' l-art in kwistjoni u għalhekk hemm tpaċija għall-ammonti dovuti reċiprokament mill-partijiet kif likwidati minn din l-Onorabbli Qorti jew li huma obbigati li jirrinunzjaw għall-kumpens għat-teħid ta' l-art de quo likwidat permezz tas-senteza ta' din il-Qorti fl-ismijiet "Nicholas sive Lino Debono et vs Perit Vince Cassar noe et noe" (Cit. Nru. 545/94NA) tat-12 ta' Diċembru, 1997;

Bl-imgħax u bl-ispejjeż;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi *nomine*, flimkien maż-żewġ (2) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fit-13 ta' Novembru, 1998, li biha l-imħarrkin eċċepew:

1. Illi preliminarjament in-nullita' taċ-Ċitazzjoni odjerna, peress li ċ-Ċitazzjoni **ma hijiex ffirmata mill-lmħallef** skond kif jitlob l-Artiklu 118 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, u hija karenti mir-rekwiżiti tal-artiklu 156 tal-istess Kodiċi;

2. Illi fit-tieni lok u preliminarjament in-nullita taċ-Ċitazzjoni odjerna, peress li **fid-dikjarazzjoni** l-esponenti qegħdin indikati bħala atturi mentri fiċ-ċitazzjoni huma ndikati bħala **konvenuti**, fil-waqt li qed ssir riferenza għall-mandat ta' qbid;

3. Illi din l-Onorabbli Qorti **ma għandhiex ġurisdizzjoni** li tittratta din il-kawża, peress dak li qed jitobu l-atturi, tpaċija ma' ħlas allegatament dovut mill-konvenuti, ma jistgħax jintalab minnhom, u lanqas ma jista' jiġi stabbilit jew apprezzat minnhom, imma mill-Awtorita' tal-Ippjanar skond il-liġi speċjali li waqqfitha u r-regolamenti (Avż Leg. 112/96) minnha maħluqa, u f'każ ta' nuqqas ta' qbil dwar il-ħlas dovut il-Ġurisdizzjoni hija tal-Bord tal-Appelli maħtur bl-Att Nru. 1 tal-1992;

4. Illi, bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, dina l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-artiklu 2149(e) tal-Kodiċi Ċivili Kap. 12;

5. Illi l-konvrnut Nicholas Debono, f'din il-kawża għandu jiġi meħlus mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-atturi, peress li **hu ma kienx u mhux il-proprjetarju tal-art** in kwistjoni;

6. Illi l-konvenuti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju fil-kawża odjerna peress li huma, la personalment u lanqas nomine, **ma kienux il-persuni li bnew** mal-linja tat-triq indikata mill-atturi;

7. Illi l-konvenuti jeċċepixxu **l-intempestivita' tal-azzjoni** peress li, la l-atturi f'din il-kawża u lanqas terzi persuni, li lilhom jistgħu jkunu dovuti xi ħlasijiet qatt ma sejjħu lill-esponenti biex iħallsu dak li qed jiġi allegat huwa dovut minnhom;

8. Illi t-talba f'din il-kawża ma treġix, peress waqt li l-ammont likwidat bħala **kumpens** dovut lill-konvenuti huwa **res judicata**, il-valur ta' ħlas minnhom dovut, li kieku għandhom raġun l-atturi, mhux is-somma li qed jallegaw l-atturi, imma **somma ferm inferjuri** kif diġa' stabbilita mill-Awtorita' Kompetenti, bi kriterji differenti skond id-disposizzjonijiet tal-liġi speċjali applikabbli;

9. Illi l-konvenuti la personlament u lanqas nomine, **qatt m'arrikkew ruħhom indebitament** fl-espropreju llegali u abbużiv mill-atturi fuq il-proprjeta' tal-konvenuti, imma sofrew danni u deprezzament qawwi tal-art in kwistjoni u dik li kien baqa' minnha;

10. Illi kull ħlas allegatament dovut mill-konvenuti kif premess mill-atturi, għall-formazzjoni tat-triq inkluzi l-valur tat-triq, huwa mħallas (Doki: A u B);

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrkin, flimkien maż-żewġ (2) dokumenti mehmużin magħha;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-28 ta' Jannar, 1999, li bih ordnat il-bidliet fl-atti tal-kawża;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-28 ta' Jannar, 1999, li matulu l-imħarrkin irtiraw it-tieni eċċezzjoni u parti mill-ewwel eċċezzjoni[1];

Rat is-sentenza preliminari tagħha (diversament presjeduta) tat-22 ta' Marzu, 2000[2], li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet tal-imħarrkin;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-17 ta' Jannar, 2001, li fih il-Qorti ordnat li jinstemgħu l-provi dwar is-sitt eċċezzjoni tal-imħarrkin;

Rat is-sentenza *in parte* tagħha tat-30 ta' Ottubru, 2003[3], li biha laqgħet f'biċċa minnha s-sitt eċċezzjoni tal-imħarrkin billi iddikjarat li l-imħarrek Nicholas Debono ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi, iżda ċaħditha in kwantu tirreferi għall-imħarrka l-oħra Doris Debono;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' April, 2004;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Mejju, 2004, li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-għeluq imressqa mill-imħarrka fid-29 ta' April, 2004[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fit-30 ta' Lulju, 2004[5];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[1] Paġġ. 34-5 tal-proċess
[2] Paġġ. 64 sa 77 tal-proċess
[3] Paġġ. 184 sa 192 tal-proċess
[4] Paġġ. 176-9 tal-proċess
[5] Paġġ. 186-8 tal-proċess

Rat id-Degrieti tagħha tal-1 ta' Lulju, 2004, u tat-2 ta' Diċembru, 2004, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal tpaċija ta' kreditu. B'sentenza mogħtija fl-1997[6], l-atturi *nomine* kienu ġew kundannati (flimkien ma' oħrajn) biex iħallsu lill-imħarrkin somma flus bħala kumpens għal invażjoni ta' proprjeta' tal-istess imħarrkin (li kienu l-atturi f'dik il-kawża) meta kienu qegħdin isiru toroq ġodda fl-inħawi. Aktar tard, sar bini fl-art li kien fadal sewwasew bil-faċċata tagħti fuq waħda mit-toroq ġodda mfassla. L-atturi *nomine* jgħidu li l-imħarrkin kellhom bil-liġi jħallsu sehemhom lill-Gvern għall-formazzjoni tat-triq jew iċedu favur il-Gvern il-biċċa mill-art li trid tintuża għall-formazzjoni tat-toroq. Huma qegħdin għalhekk jitolbu li s-somma li kienu kundannati jħallsu bis-sentenza msemmija tinqatel kontra dak li l-imħarrkin kien messhom ħallsu minħabba l-bini li tellgħu;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrkin laqgħu b'għadd ta' eċċezzjonijiet. Dwar dawk ta' xejra preliminari ngħatat aktar minn sentenza preliminari waħda minn din il-Qorti. Fadal li jiġu mistħarrġa l-eċċezzjonijiet fil-mertu u dik tal-preskrizzjoni;

Illi l-<u>fatti li jirriżultaw mill-atti tal-kawża</u> juru li f'April tal-1994, Maria Dolores Debono (l-imħarrka f'din il-kawża) u ħuha Lino fetħu kawża kontra l-atturi f'din il-kawża u kif ukoll kontra l-kumpannija Offcentre Building Services Ltd. jixluhom li daħlu fuq art li kienet f'idejn l-istess Debono, u mingħajr ir-rieda tagħhom, biex jifformaw triq ġdida. F'dik il-kawża, l-aħwa Debono talbu li jingħataw l-art lura u li jitħallsu d-danni. Fit-22 ta' Awissu, 1994, saret applikazzjoni[7] għal żvilupp f'isem l-imħarrka Doris Debono lill-Awtorita' tal-Ippjanar. Din l-applikazzjoni kienet tirrigwarda l-art f'Wied il-Għajn, tagħti fuq Triq Salvu Buħaġiar, kantuniera ma' Triq Ġebel Ħanxul (*sive* Għajn

[6] Paġġ. 6 sa 16 tal-proċess
[7] Numru 5242/94

Xhul) li kienet tmiss mal-art li dwarha l-aħwa Debono kienu fetħu l-kawża. Fil-5 ta' Settembru, 1994[8], l-Awtorita' talbitha tħallas xi kontribuzzjonijiet – fosthom dik għall-formazzjoni tat-triq. Debono ħallset fl-20 ta' Settembru, 1994[9]. Il-permess għall-iżvilupp ħareġ fid-19 ta' Lulju, 1995[10]. Fis-6 ta' Marzu tal-1996 saret applikazzjoni oħra[11] f'isem Doris Debono dwar is-sit imsemmi qabel. L-Awtorita' talbitha tagħmel ħlas ieħor ta' kontribuzzjonijiet f'April, 1996[12]. Il-permess inħareġ fit-18 ta' Diċembru, 1996[13]. Fl-24 ta' Jannar, 1997[14], Doris Debono biegħet l-art imsemmija lil Paul u Mary, miżżewġin Borġ, bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm miftehma, fosthom bil-prezz ta' Lm 25,000, billi imponiet ċens perpetwu ta' Lm 210 fis-sena li ried jinfeda fi żmien għaxar snin mill-att, u bil-kundizzjoni li l-Awtorita' toħroġ permess għall-applikazzjoni numru 1545/96. Fi Frar tal-1997[15], l-Awtorita' bagħtet tgħarraf lil Borġ li kienet irċeviet l-avviż tiegħu li l-bini tas-sit kien sejjer jibda;

Illi s-sentenza ngħatat fit-12 ta' Diċembru, 1997, u, filwaqt li l-Qorti astjeniet milli tipprovdi dwar l-ewwel talba – u dan peress li l-art kienet ittieħdet biex issir parti mit-triq – ordnat li l-aħwa Debono jingħataw kumpens ta' Lm 18,000 bħala danni mġarrbin talli tteħditilhom l-imsemmija art, flimkien ma' somma oħra ta' Lm 1463 bħala danni oħrajn għal ħsara mġarrba fil-bqija tal-art li ma kinitx ittieħdet;

Illi din il-kawża nfetħet fit-8 ta' Ġunju, 1998. Fis-26 ta' Ġunju, 1998[16], l-attur (f'din il-kawża) Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet għadda biex qiegħed b'depożitu taħt l-awtorita' tal-Qorti s-somma likwidata mill-Qorti fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Diċembru, 1997, flimkien mal-imgħaxijiet miġmugħin fuqha sa dak inhar. L-aħwa Debono sbankaw l-imsemmija somma fis-27 ta' Lulju, 1998[17]. L-imħarrkin laqgħu l-atti tal-kawża fid-29 ta' Ottubru, 1998;

---

8 Dok "A", f'paġ. 26 tal-proċess
9 Dokument f'paġ. 27 tal-proċess
10 Xhieda ta' Joseph Farruġia 31.10.2001, f'paġ. 108 tal-proċess
11 Numru 1545/96
12 Dok "B", f'paġ. 28 tal-proċess
13 Xhieda ta' Joseph Farruġia 31.10.2001, f'paġ. 108 tal-proċess
14 Dok "Ċ", f'paġġ. 29 sa 33 tal-proċess
15 Dok "Y", f'paġ. 83 tal-proċess
16 Dok "A1", f'paġġ. 189 sa 190 tal-proċess
17 Dok "A2", f'paġ. 191 tal-proċess

Illi l-Qorti tħoss li għandha tibda l-konsiderazzjonijiet legali li jsawru l-każ billi tgħid li hija trid toqgħod mal-parametri tal-azzjoni attriċi kif imfassla. Kif ingħad, l-azzjoni attriċi hija mibnija fuq il-kawżali tat-tpaċija. Hekk ukoll hija msawra t-talba waħdanija tal-atturi. Dan qiegħed jingħad għaliex mill-atti tal-kawża joħorġu ċerti ċirkostanzi li ma jistgħux ma jkollhomx effett qawwi fuq l-azzjoni kif imfassla, kif sejjer jissemma 'l quddiem;

Illi t-tpaċija hija meqjusa mil-liġi bħala waħda mill-modi kif tispiċċa obbligazzjoni[18]. It-tpaċija sseħħ meta tnejn min-nies ikunu debituri lejn xulxin[19], u sseħħ bis-saħħa tal-liġi nnifisha wkoll jekk mingħajr l-għarfien tad-debituri nfushom, b'mod li hekk kif ikunu jeżistu **żewġt idjun fi żmien wieħed** joqtlu 'l xulxin safejn ikunu ndaqs[20]. Huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh li, fit-tpaċija, "*i debiti si estinguono non dal giorno della sentenza e per effetto di questa, ma dal momento della loro coesistenza (ex tunc), automaticamente, per effetto della legge...*"[21];

Illi t-tpaċija tista' titqies bħala ħlas reċiproku li jitfi ż-żewġ obbligazzjonijiet (jekk ikunu ndaqs) fl-istess waqt[22]. Jekk kreditu wieħed ikun akbar mill-ieħor, it-tpaċija sseħħ sal-ammont tal-anqas wieħed u l-obbligazzjoni tibqa' skond kemm l-akbar kreditu jkun jisboq 'il dak li jkun iċken;

Illi l-liġi tagħna tagħraf żewġ għamliet ta' tpaċija: dik *ex lege* u dik konvenzjonali, li ma toqgħodx għar-regoli tal-ewwel forma, imma tiddependi biss mir-rieda tal-partijiet li jiftehmuha[23]. Biex tista' sseħħ it-tpaċija legali jeħtieġ jintwera li (a) jkun hemm żewġ djun fl-istess waqt (ukoll jekk mhux tal-istess qies jew valur), (b) li jirreferu għal tnejn min-nies li huma debitur u kreditur reċiprokament ta' xulxin, (ċ) li jkunu omoġenji (jiġifieri, jkollhom bħala oġġett il-ħlas ta' flus jew ħaġa oħra funġibbli); (d) li jkunu likwidi jew jistgħu jkunu likwidati bla taħbit kbir u jkunu ċerti wkoll

[18] Art. 1145(d) tal-Kap 16
[19] Art. 1196(1) tal-Kap 16
[20] Art. 1196(2) tal-Kap 16
[21] Torrente Manuale di Diritto Privato, (9ª Ediz.), par 246, paġ. 415
[22] Caruana-Galizia Notes on Civil Law : Obligations, paġ. 365
[23] Kumm.**26.11.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Merċieca noe vs Debono noe et*** (Kollez. Vol: **LXVIII.iv.235)**

f'dik li hija kwantita'; u (e) li d-djun ikunu dovuti jew jistgħu jintalbu[24];

Illi fir-rigward tad-djun li joqtlu 'l xulxin, id-duttrina tisħaq li biex isseħħ it-tpaċija jeħtieġ li tintwera "*l'autonomia dei contrapposti rapporti di credito*". Għalhekk il-liġi trid li jkun hemm żewġt idjun separati, u mhux rapport wieħed li minnu jitnisslu pretensjonijiet reċiproċi tal-partijiet. Kemm hu hekk, ingħad b'awtorita' interpretativa li "*La compensazione suppone l'autonomia dei rapporti ai quali i debiti delle parti si riferiscono, con la conseguenza che, quando si tratti invece di un unico rapporto, o di rapporti accessori, la controversia si traduce in un accertamento di dare e avere, e cioe' in una sorta di complesso conteggio, a proposito del quale non puo' parlarsi di compensazione in senso tecnico*"[25];

Illi l-azzjoni attriċi hija msejsa kollha kemm hi fuq pretensjoni ta' obbligazzjoni li l-atturi *nomine* jgħidu li l-imħarrkin kellhom fil-konfront tagħhom. L-atturi *nomine* jorbtu din il-pretensjoni mal-fatt li biswit l-art li ttieħdet mingħand l-imħarrkin sar bini li jasal sa fejn tibda t-triq. L-atturi *nomine* jorbtu l-azzjoni tagħhom ma' waħda minn tnejn mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 20 tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta. Huma jirreferu għall-artikolu 20(6)(i)(a) u l-artikolu 20(10)(vi). L-azzjoni attriċi tipprospetta l-applikazzjoni tal-waħda jew tal-oħra. Dan għaliex, l-ewwel artikolu jirreferi għall-obbligu li, qabel ma ttella' bini li jkollu aċċess, tieqa jew ftuħ ieħor li jagħti fuq triq, persuna hija marbuta li tħallas lill-awtorita' pubblika kompetenti kontribuzzjoni dwar il-formazzjoni tat-triq, ekwivalenti għan-nefqa tal-formazzjoni ta' dik it-triq. It-tieni artikolu jrid li triq li tkun privata u li tiġi magħduda fi skema jew pjan lokali ssir tal-Gvern hekk kif tinkesa bl-asfalt jew mod ieħor u hekk kif tiġi pubblikata Ordni tal-President fil-Gażżetta, u sid dik l-art jkun meħlus minn kull dmir li jieħu ħsieb dik it-triq;

Illi l-atturi *nomine* għalhekk jgħidu li, taħt liema dispożizzjoni li tkun mit-tnejn hawn imsemmija, l-imħarrkin

---

[24] Art 1197 tal-Kap 16
[25] Pescatore e Ruperto Codice Civile Annotato , paġ. 1164

jitilfu l-jedd li jieħdu l-kumpens li ngħata lilhom bis-saħħa tas-sentenza tat-12 ta' Diċembru, 1997, dwar meta tteħditilhom l-art biex saret it-triq. U dan jippretenduh fis-sura ta' tpaċija;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-pretensjoni attriċi, kif proposta, ma hija bl-ebda mod mistħoqqa u dan għal għadd ta' raġunijiet li l-ewlenin fosthom sejrin jissemmew hawn taħt;

Illi, fl-ewwel lok, mil-lat ta' provi, l-atturi *nomine* ma seħħilhomx iressqu provi xierqa biex isejsu l-ebda waħda miż-żewġ dispożizzjonijiet. Il-piż tal-prova kien fuq l-atturi. Għall-finijiet tal-artikolu 20(6)(i)(a), kellhom obbligu juru li xi awtorita' (li skond il-liġi llum hija vestita fl-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta) talbet dak il-ħlas mingħand xi ħadd. Ma tressqet l-ebda prova f'dan is-sens. Għall-kuntrarju, l-imħarrka wriet li, meta l-Awtorita' tal-Ippjanar kienet talbitha tħallas kontribuzzjoni dwar l-iżvilupp li hija kienet talbet li tagħmel fuq l-art li kien baqa' l-imħarrka ħallset tali kontribuzzjoni, kif mitlub u fi żmien qasir. Dan jidher li seħħ ukoll fil-każ tal-applikazzjoni li seħħet fl-1996. L-atturi ma jikkumentaw xejn fuq dawn il-provi, u la jippruvaw imeruhom b'xi provi oħra dwar l-ammont li messu kien dovut, u lanqas dwar is-siwi tagħhom għall-art in kwestjoni. Min-naħa l-oħra, biex japplika l-artikolu 20(10)(vi), jeħtieġ jintwera li (a) t-triq ġiet asfaltata, (b) li t-triq li qabel kienet privata ġiet magħduda fi skema jew pjan lokali u (ċ) li fil-Gażżetta tal-Gvern ħarġet Ordni mill-President fis-sens li t-triq sejra tgħaddi f'idejn il-Gvern. L-ebda waħda minn dawn it-tliet elementi meħtieġa ma tidher mill-atti tal-kawża. Għalhekk, il-Qorti ma ssibx li l-atturi *nomine* ressqu prova tajba li biha l-Qorti tista' ssib li seħħet imqar waħda miż-żewġ dispożizzjonijiet tal-liġi alternativi li fuqhom jibnu l-każ tagħhom;

Illi, fit-tieni lok, tnissel dubju mhux traskurabbli dwar min kien li bena fis-sit biswit it-triq. Mix-xhieda mressqa, jidher li l-bini sar minn Paul Borġ wara li dan kien kiseb l-art mingħand l-imħarrka. Jidher ukoll li, sa dak inhar li l-imħarrka biegħet l-art ma kien sar l-ebda żvilupp fuq l-art. Fuq kollox, il-bini sar matul iż-żmien li kienet għaddejja l-kawża maqtugħa fit-12 ta' Diċembru, 1997, u sa dak iż-

żmien kollu l-bini ma nżammx milli jitkompla. Huwa minnu li l-bini sar bis-saħħa ta' permess li nħareġ fuq applikazzjoni ta' l-imħarrka Doris Debono, imma huwa daqstant ieħor evidenti li din kienet ittrasferiet l-art b'att pubbliku qabel beda jsir xi bini. F'dan ir-rigward, għalhekk, il-Qorti ssib li jonqos wieħed mill-elementi essenzjali tal-azzjoni tat-tpaċija, għaliex jidher li d-"debitur" tal-atturi taħt l-artikolu 20 tal-Kap 10 m'hijiex l-istess persuna li hija l-parti kreditriċi tal-obbligazzjoni magħrufa fl-imsemmija sentenza;

Illi, fit-tielet lok, ukoll kieku kellu jitqies li l-imħarrka kienet responsabbli għall-bini li ttella' bil-permess maħruġ f'isimha, bejn il-pretensjoni tal-atturi *nomine* u l-obbligazzjoni li huma kellhom bis-saħħa tas-sentenza li jagħtu kumpens lill-imħarrka, ma jidhirx li hemm awtonomija, fis-sens ta' dejn distint minn ieħor kif imfisser aktar 'il fuq. L-azzjoni li huma jintentaw hija dipendenti mill-obbligazzjoni li kienu kundannati jwettqu fis-sentenza tat-12 ta' Diċembru, 1997, u bl-ebda mod miftuma minnha. Għalhekk, jonqos element ieħor li jżomm milli sseħħ it-tpaċija li trid l-azzjoni attriċi;

Illi, fir-raba' lok, jonqos fil-pretensjoni attriċi l-aspett tal-likwidita' jew ċertezza tal-kreditu pretiż mill-atturi *nomine*. Kif ingħad aktar qabel, it-tpaċija tista' sseħħ biss fejn id-djun ikunu likwidati jew faċilment likwidabbli. F'din il-kawża – li l-biċċa l-kbira minnha nħliet fuq it-trattazzjoni ta' eċċezzjonijiet preliminari – ma tressqet l-ebda prova jew sottomissjoni dwar kemm huwa d-"dejn" dovut lill-atturi *nomine*. Mill-mod kif inhi mfassla ċ-Ċitazzjoni, jidher li huma jirraġunaw li, ladarba sar il-bini fuq is-sit fabbrikabbli li jmiss mal-parti tat-triq, l-art meħuda bħala triq saret tal-Gvern (tiswa kemm tiswa llum) u b'hekk l-imħarrkin ma jibqgħalhom jedd għall-ebda kumpens. Jekk dan kien li ħasbu l-atturi *nomine*, l-Qorti ma tistax taċċettah għaliex ikun qiegħed jikkonferma li l-pretensjoni attriċi m'hijiex awtonoma mill-obbligazzjoni li kontra tagħha jridu joqtlu d-dejn tagħhom;

Illi, fil-ħames lok, l-azzjoni attriċi tfalli wkoll bil-fatt tal-ħlas tal-obbligazzjoni min-naħa tal-attur Direttur Ġenerali tax-

Xogħol. Dan seħħ bil-fatt li, madwar tliet ġimgħat wara li nfetħet din il-kawża, l-imsemmi attur iddepożita fir-Reġistru tal-Qorti l-ammont kanonizzat bis-sentenza tat-12 ta' Diċembru, 1997, flimkien mal-imgħaxijiet miġmugħa sa dak inhar. Ta' min jgħid li, fiċ-Ċedola nnifisha, id-depożitant jirreferi saħansitra għal din il-kawża. Dan huwa fatt li ma ngħatat l-ebda tifsira għalih imma li l-Qorti ssib li jwaqqa' għal kollox kulma seta' kien għad fadal mill-azzjoni attriċi, għaliex b'hekk inqered il-kreditu li fuqu l-atturi *nomine* riedu tabilfors jistrieħu biex ikunu f'qagħda li jirreklamaw it-tpaċija. Dan jingħad għaliex id-depożitu magħmul skond il-liġi jiswa daqs il-ħlas[26]. Dak il-ħlas ġie perfett meta l-imħarrka u ħuha ġibdu s-somma mir-Reġistru xahar wara. Fuq kollox, il-ħlas sar meta d-depożitant "debitur" kien jaf żgur bil-kreditu pretiż tiegħu[27], tant li semmih fiċ-Ċedola nfisha;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li ma tistax tilqa' t-talba attriċi;

Illi, għal kull fini, jifdal li titqies l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-imħarrkin. Huma jgħidu li l-azzjoni attriċi waqgħet billi għadda ż-żmien li fih setgħet titressaq. Huma jirreferu għall-preskrizzjoni maħsuba taħt l-artikolu 2149(e) tal-Kodiċi Ċivili. Dak l-artikolu jitkellem dwar preskrizzjoni ta' sentejn f'azzjonijiet tal-Gvern għall-ġbir ta' drittijiet jew taxxi oħrajn. L-imħarrkin jimxu fuq l-argument li l-imsemmi żmien beda għaddej minn dak inhar li l-art tagħhom ġiet meħuda għall-formazzjoni tat-triq. Dan m'huwiex il-każ. L-azzjoni attriċi tinbena fuq iċ-ċirkostanza tal-bini tas-sit tal-art tal-imħarrka li ma tteħditx għall-formazzjoni tat-triq. Intwera li l-ebda bini ma sar qabel l-1996, u l-avviż li ntbagħat lill-Awtorita' li l-bini kien sejjer jibda kien lejn l-aħħar ta' Jannar tal-1997. Din il-kawża nbdiet f'Marzu tal-1998, u għalhekk is-sentejn ma kinux għaddew;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi l-kawża billi:

---

[26] Art. 1173(2) tal-Kap 16
[27] Art. 1204 tal-Kap 16

**Tiċħad ir-raba' eċċezzjoni tal-imħarrkin** billi l-azzjoni attriċi saret fi żmien utli;

**Tiċħad it-talba attriċi** għaliex ma tressqux provi tajbin biżżejjed u wkoll għaliex ma jikkonkorrux l-elementi li jsejsu l-istess talba maħsuba biex issir tpaċija għar-raġunijiet imsemmija f'dik it-talba;

**Tilqa' t-tmien u d-disa' eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin;

**Bl-ispejjeż**, għajr għal dawk marbuta mas-sentenza preliminari tat-22 ta' Marzu, 2000, li għandhom jitħallsu mill-imħarrka Maria Dolores Debono, kontra l-atturi *nomine*, magħduda dawk tas-sentenza preliminari tat-30 ta' Ottubru, 2003, li ħelset lill-imħarrek Nicholas Debono milli jibqa' fil-kawża.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------